# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-14 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 618/2021 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MF**

**Vs**

**DF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MF datat 16 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru 1985 (skont kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg numru progressiv 2310/85 hawn anness u markat Dok "A"), u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal M li twieled nhar X, L li twieled nhar Y u A li twieldet nhar Z, u ghalhekk kollha huma maggorrenni;*

*Illi l-kontendenti ilhom legalment separati b'kuntratt in att tan-Nutar Peter Fleri Soler mis-sitta (6) ta' Marzu 2001, kopja legali ta' liema qed tigi hawn annessa u markata Dok "B";*

*Illi l-kontendenti ilhom jghixu mifrudin minn xulxin ghal aktar minn ghoxrin (20) sena u ghalhekk jissodisfaw il-kundizzjoni stabbilita fl-artikolu 66B(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba li ilhom separati minn xulxin ghal ghoxrin (20) sena ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi inoltre, ai termini ta' klawsola 3 tal-kuntratt fuq imsemmi l-kontendenti ddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;*

*Illi ghar-rigward tal-ulied il-kontendenti, jirrizulta li dawn illum issuperaw l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena u ghalhekk m'ghadx hemm obbligu ta' hlas ta' manteniment u lanqas hemm arretrati fir-rigward;*

*Illi dawn il-fatti konfermati bil-gurament fl-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u markat Dok "C"), jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru 1985 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Diretur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

3. *Taghti kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 1 ta' Gunju 2022, fol 27, l-avukati difensuri tal-partijiet

ddikjaraw li ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MF xehed** (vide affidavit a fol 9) illi l-partijiet zzewgu nhar is-17 ta' Dicembru 1985 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum adulti. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar is-6 ta' Marzu 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri-Soler, Iddikjara illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illum, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**DF xehdet** nhar it-12 ta' Mejju 2022 (vide fol 23) u kkonfermat li ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut u korroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li***

***jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar is-17 ta' Dicembru 1985, liema zwieg igib c-certifikat numru 2310/1985 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, kollha maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar is-6 ta' Marzu 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri-Soler (Vide Dok B, fol 5 et seqq) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2310/1985 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**